VERŻJONI ELETTRONIKA



**A.L. 49 tal-2016**

## ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

### Ordni tal-2016 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, is-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2016 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ewwel Skeda". Titolu. Kap. 101.

**2.** Fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda, minnufih wara l-partita "ACETYLALPHAMETHYL FENTANYL" għandha tiżdied il-partita "AH-7921, (3,4-dichloro-N-[(1-(dimethylamino)cyclohexyl)methyl] benzamide)". Jemenda l-Ewwel Skeda.